**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Melvin Zammit)**

**vs**

**Arthur Cassar**

**Illum 28 ta' Ottubru 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 500/2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Arthur Cassar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 559060(M), billi huwa akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta' Settembru 2020, ghall-habta ta' bejn 12:00 u 12:35 ta' wara nofsinhar, gewwa Triq is-Sliem, Marsascala, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Joseph Fenech f'periklu car, permezz ta' arma

rregolari, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat minn Dr. David Pace nru mediku 6259 bi ksur tal-Artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Joseph Fenech u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Joseph Fenech.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol 66*) datata 28 ta' Dicembru 2020 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii),(iii),(b) u 218(1)(b),(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar 2021 (*a fol. 70)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 ta' Dicembru 2020 u l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi, waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2021 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kelliex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Semgħet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semgħet ix-xhieda prodotti mid-difiża.

Rat illi, waqt is-seduta tal-14 ta' Lulju 2021, il-Qorti kkoncediet zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub dwar dan il-kaz.

Rat illi l-Prosekuzzjoni u l-Parte Civile pprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fis-27 t' Awwissu 2021;

Rat illi fit-22 ta' Settembru 2021 id-difiza pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu ghaxar (10) xhieda kif gej:

Joseph Fenech (*a fol* 11 et. seq.); Spettur Melvin Zammit (*a fol* 20 et. seq.); WPS 261 Donatella Frendo Magro (*a fol* 30 et. seq.); Dr. David Pace (*a fol* 34 et. seq.); PC 133 Jean Claude Mangion (*a fol* 35 et. seq.); Chantelle Marie Cassar (*a fol* 37 et. seq.); Dr. Edward Cherubino (*a fol* 44 et. seq.); Joseph Fenech (*a fol* 74 et. seq.); Arthur Cassar (*a fol* 88 et. seq.); Carmen Cassar (*a fol* 101 et. seq.).

- ***Rijassunt tax-Xhieda***

**Joseph Fenech** (Fol. 11 et seq) xehed li fl-għoxrin (20) ta' Settembru elfejn u għoxrin (2020) huwa kellu l-aċċess għal bintu f'nofsinhar (12:00pm) u kellu jmur jiġborha mid-dar ta' omm bintu. Huwa mar kif indikat u ftit wara waslu bil-vettura Arthur u Carmen Cassar, Chantelle l-eks partner ta' Fenech u binthom peress li ma kinux id-dar. Ix-xhud stenna lil Chantelle li hija omm it-tifla tinżel bit-tifla pero ħarġet waħedha u qaltlu li t-tifla kienet rieqda u ma kinitx se tagħtihielu għalissa. Din telqet pero x-xhud baqa' jistenna u jinsisti li jrid lit-tifla għax kellu l-aċċess.

Ix-xhud qal li wara ftit ġiet Carmen li hija l-mara ta' Arthur biex tkellmu. Ix-xhud qal li għandu bond tajjeb ma' Carmen u din qaltlu li kien se jieħu lit-tifla. Carmen daħlet u ħarġet Chantelle u reġgħet qalet lix-xhud biex imur aktar tard għat-tifla għaliex kienet għadha rieqda. Ix-xhud pero insista li ried it-tifla dak il-ħin u t-tnejn bdew jargumentaw. Chantelle daħlet u x-xhud ħaseb li se toħroġ bit-tifla. Pero ħareġ Arthur Cassar li kellu ħadida f'idejh. Ix-xhud saqsih x'kien sejjer jagħmel bil-ħadida u hemmhekk it-tnejn li huma bdew jitkellmu ħażin u Cassar beda jistiednu jidħol ġol-parapett tiegħu fir-rampa tal-garaxx. Ix-xhud qallu li hu għat-tifla kien mar u mhux biex jiġġieled.

F'dan il-waqt inqalgħet kommozzjoni għax Cassar beda jsemmi l-familja tax-xhud u hemmhekk u beda jiġri wara x-xhud bil-ħadida f'nofs tat-triq. Ix-xhud qal li imnalla ħarġet Carmen għax din bdiet tgħatti lix-xhud u

twaqqaf lir-raġel tagħha milli jkompli javvicina lix-xhud. Huma waqfu għal ftit u marru fuq il-bankina ta' faċċata u x-xhud staqsieh għala ħareġ bil-ħadida. Cassar wieġbu li hu raġel ta' sittin (60) sena. Ix-xhud qallu li hu għat-tifla kien mar u Cassar irrispondih li hu għandu tifla wkoll. Dak il-ħin reġa nqala paniku fit-triq u Chantelle qalet lix-xhud biex iħalli lil missierha u refgħet idejha fuq ix-xhud u telqet 'l fuq lejn il-karozza tax-xhud. Chantelle fetħet il-karozza u bdiet tarmi l-affarijiet minn ġo fiha.

Sadanittant Chantelle u Carmen daħlu lura d-dar u x-xhud daħal fil-karozza. Hu ma ra lil ħadd għax kien ipparkja daqxejn sew 'il fuq mir-residenza. Ix-xhud reġa niżel 'l isfel u waqaf eżatt quddiem il-bieb tal-garaxx ta' Cassar. Kien hemm karozza barra u x-xhud induna li Cassar kien għadu barra bil-ħadida f'idejh. Ix-xhud ħareġ mill-karozza u Cassar reġa mar warajh. Ix-xhud laħaq ħareġ għan-nofs ta' triq u f'dan il-waqt reġgħu ħarġu Chantelle u Carmen li din tal-aħħar reġgħet bdiet tipprova twaqqfu. L-irġiel reġgħu bdew jitgħajjru u Cassar kien għadu jiġri warajh bil-ħadida waqt li x-xhud beda jilqa' b'idejh it-tnejn.

F'ħin minnhom ix-xhud għolla jdejh ix-xellugija biex jara fejn qiegħed u Cassar laqtu f'idejh bil-ħadida. Xħin raw id-demm l-imputat u Carmen resqu lura ġor-rampa tal-garaxx peress li kien beda nieżel sew. Xħin ix-xhud ra d-demm huwa beda jippanikja, mar lejn il-karozza, fetaħ il-bieba ta' wara fejn kellu kaxxa għodda u qabad serrieq minn ġol-kaxxa. Ix-xhud bil-paniku beda jibża li se jiġi għalih u mar in-naħa tax-xufier biex jidħol fil-karozza. Dak il-ħin, ix-xhud reġa dar lura u tefa' s-serrieq lura ġol-

kaxxa u reġa daħal ġol-karozza u niżel l-għassa biex jagħmel rapport. Ix-xhud mar l-isptar bl-ambulanza u għamlulu l-punti.

**In kontro-eżami** li sar fis-seduta tat-tlettax (13) ta' April 2021, Fenech spjega li meta seħħ l-incident kien hemm preżenti Carmen Cassar u Chantelle Cassar. Dawn kienu kollha kienu f'nofs ta' triq, ftit 'l isfel mill-garaxx ta' Arthur Cassar. L-argument dam madwar għaxar (10) minuti u t-triq fejn seħħ l-argument hija waħda traffikuża. Kompla jgħid li l-argument ma kienx fl-istess post. Ix-xhud spjega li fil-bidu hu kien qiegħed barra l-karozza tiegħu bilwieqfa, in-naħa ta' fuq ta' Triq is-Sliem u ra lil Chantelle fil-karozza mal-familja tagħha. Il-vettura kien qed isuqha Arthur Cassar. Huma kienu ġejjin mid-direzzjoni tan-naħa ta' fuq ta' Triq is-Sliem għal isfel. Chantelle marret ħdejn ix-xhud meta kien żewġ kantunieri 'l fuq u imbagħad niżlet u telgħet Carmen Cassar u x-xhud niżel magħha. Ix-xhud qal li sakemm Chantelle marret tkellmu, Arthur Cassar kien qiegħed jagħmel il-visor tax-xemx fuq il-karozza u baqa' barra dieħel u ħiereġ minn ġol-bieb tal-garaxx għall-karozza. Sa dak il-mument, ix-xhud qal li Arthur Cassar ma resaqx lejh.

Kien hemmhekk quddiem il-garaxx li beda l-argument għax ix-xhud kellu l-aċċess u ried li jara lit-tifla peress li kien ilu ma jaraha. Ix-xhud spjega li l-aċċess kien minn nofsinhar (12:00pm) sal-erbgħa (4:00pm) li kien ħin pjuttost qasir. Wara x-xhud kellu l-affarijiet tiegħu tax-xogħol. Ix-xhud qabel illi Chantelle kienet tkun diffiċli miegħu biex tagħtih it-tifla u ma kinetx tikkopera biex hu jara lil bintu u kien ilu ma jaraha. Ix-xhud qal li għalkemm kien ilu xi ħin fix-xemx u Chantelle ġiet kwarta tard, ix-xhud

sostna li ma kienx innervjat dak il-ħin li ġiet tkellmu Chantelle. Huwa issapporta għax qal li kulħadd għandu dritt joħroġ pero sostna li kien nuqqas ta' ħsieb min-naħa ta' Chantelle għax jekk kienet taf li t-tifla torqod wara nofsinhar, kellha tippreparaha la darba din taf li kien hemm l-aċċess.

Ix-xhud innervja wara li niżel ma' Carmen minn għalih li kien se jieħu lit-tifla u imbagħad Chantelle ma tathilux.

Ix-xhud kompla jgħid li hu ma setax offenda lil Arthur Cassar għaliex dak il-ħin hu ma kienx barra imma ġewwa fil-garaxx. Ix-xhud qal li kien qed ikellem lil Carmen Cassar u ċaħad li avviċina l-propjeta tas-Sur Cassar b'aggressivita u b'serrieq f'idejh. Dan għaliex il-karozza tiegħu kienet 'l fuq u hu kien bil-mixi ma' Carmen Cassar.

Ix-xhud iddeċieda li ma jmurx jagħmel rapport l-għassa minkejja li l-eks tfajla ma kinitx se tagħtih it-tifla. Dan għaliex kull darba li kien imur jagħmel rapport kien ikollu jitla' l-Qorti. Ix-xhud insista li dakinhar huwa kellu dritt li jieħu lil bintu għall-access u kien għalhekk li huwa baqa' barra jistenna lit-tifla.

Fenech kompla jispjega li imbgaħad telgħulu n-nervi sakemm Chantelle ħarġet tgħidlu li mhux se tagħtih it-tifla. Dak il-ħin ħareġ Arthur Cassar li beda jistieden lix-xhud biex imur ġol-bieb tal-garaxx. Fenech insista miegħu li hu kien mar għat-tifla u dak il-ħin beda t-tilwim. Arthur beda jindirizza diskors mhux xieraq filwaqt li beda jiġri warajh għan-naħa l-

oħra tat-triq b'ħadida f'idejh. Huwa ipprova jkeċċi lix-xhud u jgħidlu biex jitlaq minn hemm, u ma jagħmilx paprati quddiem biebu għax kien hemm in-nies. Ix-xhud insista li huwa ma kienx telaq għaliex it-triq ma kienet ta' ħadd u hu fl-ebda mument ma rifes l-għatba tal-bieb ta' Cassar.

Wara li Arthur Cassar keċċieh u beda jiġri warajh b'ħadida, kien hemm Carmen Cassar preżenti li bdiet tiġri warajhom. Dak il-ħin ix-xhud staqsieh għala qed jiġri warajh b'ħadida. Qallu li hu kien sempliciment mar jiġbor lil bintu. Arthur wieġbu lura u qallu li hu kien raġel ta' sittin sena u għandu tifla ukoll. Dak il-ħin ix-xhud ma kellu l-ebda arma fuqu. Chantelle sadanittant ħarġet mid-dar, telgħet fejn il-karozza tax-xhud, fetħitlu l-bieba u bdiet tarmilu kull ma sabet fil-karozza fosthom karti u affarijiet tat-tifla.

Ix-xhud kompla jgħid li huwa ġabar l-affarijiet mill-art, daħal fil-karozza u saq sa quddiem il-bieb tal-garaxx ta' Arthur Cassar, biswit il-karozza tiegħu. Ix-xhud ħareġ mill-karozza pero Arthur Cassar ma ġiex mill-ewwel fuqu. Ix-xhud dar għal wara l-vettura tiegħu u Cassar ġera warajh bil-ħadida. Ix-xhud sostna li huwa għolla jdejh għax Arthur beda jxejjer bil-ħadida u beza li kien se jlaqqat daqqa f'rasu. Dak il-ħin Cassar laqat lix-xhud f'idejh ix-xellugija. Ix-xhud qal li d-demm beda ħiereġ sew u Cassar u martu li kienet hemm dak il-ħin beżgħu. Ix-xhud mexa 'l fuq lejn il-karozza u ħa s-serrieq peress li kien l-ewwel ħaġa fuq fil-kaxxa tal-għodda li kien fil-bieba ta' wara. Ix-xhud qal li ried jiddefendi ruħu peress illi Arthur kien għadu b'ħadida f'idejh. Pero x-xhud kien imriegħed u kellu d-demm f'idejh u ma kienx jaf x'ħa jagħmel. Għalhekk

hu fetaħ il-bieba, daħal fil-karozza, poġġa s-serrieq u saq bid-demm f'idejh lejn l-għassa.

**In ri-ezami**, ix-xhud qal li wara li Arthur kien weġgħu, hu mar għall-karozza. Meta hu niżel bil-karozza, Arthur li kien fuq ir-rampa tal-bieb tal-garaxx tiegħu, bil-ħadida għadha f'idejh, ħareġ għalih. Kien hemmhekk fejn ix-xhud ħass li għandu jmur iġib is-serrieq biex jiddefendi ruħu għaliex kien diġa ferut. Dak il-mument, Arthur ma ċċaqlaqx minn fuq ir-rampa u l-oħrajn daħlu 'l ġewwa.

**L-Ispettur Melvin Zammit** (Fol. 20 et seq) xehed li fl-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija (5:00 pm) huwa ġie infurmat minn WPS 261 li aktar kmieni għal ħabta tan-nofs siegħa (12:30 pm) ċertu Joseph Fenech, detentur tal-karta tal-identita 649782M kien għamel rapport fl-għassa ta' Marsaskala. Fenech kien stqarr mal-pulizija li kellu argument ma' missier l-eks tfajla tiegħu li hu ċertu Arthur Cassar, detentur tal-karta tal-identita 559060M. Ix-xhud għaraf lil Cassar fl-awla. Ix-xhud qal li l-argument seħħ meta Fenech mar jiġbor it-tifla tiegħu mingħand l-eks tfajla tiegħu ġewwa Triq is-Sliem, Marsaskala. Ix-xhud qal li Joseph stqarr ukoll mal-pulizija li l-argument eskala fejn Arthur ħareġ b'ħadida minn ġol-garaxx u Joseph ħareġ serrieq minn ġewwa l-vettura tiegħu. Waqt l-argument Joseph qala' daqqa ta' ħadida mingħand Arthur fejn ġarrab xi ġrieħi. Fil-mument li sar ir-rapport il-Pulizija innutaw li Fenech kellu xi ġrieħi f'idejh.

Ix-xhud qal li l-pulizija staqsiet għall-arma li ntużat minn Joseph Fenech u huwa ġab is-serrieq minn ġol-vettura tiegħu. Fuq il-post ġiet ukoll ambulanza fejn ħadet lill-vittma Joseph Fenech l-isptar. Huwa ġie ċċertifikat minn Dr David Pace MD 6259 li kien sofra ġrieħi ta' natura gravi. Ix-xhud qal li l-pulizija aktar tard bagħtet ukoll għal Arthur Cassar fejn qabel ħadet il-verżjoni tiegħu tatu d-dritt li jista' jikkonsulta ma' avukat. Il-pulizija staqsiet xi mistoqsijiet u staqsiet għall-arma li ntużat minn naħa tiegħu fl-argument. Il-Pulizija marru fir-residenza tiegħu u Arthur ta l-ħadida lill-pulizija.

L-għada fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Settembru elfejn u għoxrin (2020), ix-xhud kellem lil Arthur Cassar wara li dan reġa' ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu u li l-istess Avukat jkun preżenti waqt l-interrogazzjoni. Cassar tkellem ma' Dr Stephanie Abela fuq it-telephone u irrilaxxa stqarrija fil-preżenza ta' PC 391 Owen Degiorgio fejn Cassar għażel li ma jweġibx għad-domandi.

**WPS 61 Donatella Frendo Magro** (Fol. 30) ikkonfermat bil-ġurament tagħha l-okkorrenza relattiva għall-incident.

**Dr David Pace** (Fol 34) xehed li huwa kien eżamina lil Joseph Fenech fl-għoxrin (20) ta' Settembru 2020 u kien irriskontra qatgħa ta' ħames ċentimetri (5cm) bejn it-tieni subgħa fuq l-id ix-xellugija. Ix-xhud kklassifika l-ferita bħala gravi peress li kienet qegħda fuq l-idejn.

**PC 133 Jean Claude Mangion** (Fol. 35 et seq) xehed li fl-għoxrin (20) ta' Settembru elfejn u għoxrin (2020) għal ħabta ta' nofsinhar u nofs u ħamsa (12:35 pm), Joseph Fenech, detentur tal-karta tal-identita 649782M kien irrapporta fl-għassa ta' Wied il-Għajn li kien għadu kif qala' daqqa ta' ħadida ġo jdejh. Fil-fatt, ix-xhud innota ammont ta' demm li kien ħiereġ minn idejh ix-xellugija. Huwa ċempel l-ambulanza biex tiġi fuq il-post biex tikkura lil Fenech. Ix-xhud informa lil WPS 261 Donatella Frendo Magro. Is-surġenta marret l-għassa u ħadet il-verżjoni ta' Joseph kelma b'kelma kif hemm fir-rapport u dan fil-preżenza tax-xhud. Aktar tard għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4:30pm) ta' dakinhar stess, ix-xhud u PC 480 Carmel Diacono ġew ordnati minn WPS 261 biex imorru fi Triq is-Sliem biex jaraw jekk hemmx xi kameras tas-sigurta li jistgħu jgħinuhom fl-istħarriġ, pero dan irriżulta fin-negattiv.

**Chantelle Marie Cassar** (Fol. 37 et seq) xehdet li hija bint l-imputat. Hija kellha relazzjoni ma' Joseph Fenech u t-tnejn kellhom tifla ta' sena u nofs. Spjegat li fl-għoxrin (20) ta' Settembru filgħodu kienet ħarġet mal-familja tagħha u kienu sejrin lura d-dar għal ħabta ta' nofsinhar (12:00pm). Ix-xhud qalet li dakinhar Joseph Fenech kellu l-aċċess. Sakemm waslu d-dar, ix-xhud qalet li t-tifla laħqet raqdet u qaltlu li kienet rieqda. Talbitu biex jagħtiha naqra cans sakemm tqum pero hu riedha bilfors dak il-ħin. Ix-xhud qalet li Joseph qalilha li jekk it-tifla trid torqod, torqod fil-karozza. Ix-xhud qalet li ma riditx taqbad u tqajjem lil bintha u Joseph qabad jgħajjat.

Ix-xhud qalet li kienet fuq bit-tifla u semgħet l-għajjat barra u semgħet lil Joseph joffendi lil missierha. Ix-xhud qalet li kull ma semgħet lil missierha jgħid lil Joseph biex jitlaq, jħallihom u ma jaqlax inkwiet. Hi qalet li niżlet u rat lil missierha u lil Joseph fejn il-garaxx fid-drive-in, wieħed b'serrieq f'idu u l-ieħor b'jack f'idu. Hija ibbalzmat għax ma stennitx li kienet sejra ssibhom hekk. Hi qalet li peress li ma rathomx jaqbdu l-armi ma tafx mnejn ġabuhom u lanqas taf fejn qiegħduhom wara.

**In kontro-eżami**, ix-xhud qalet li x'ħin waslu minn barra, Joseph kien jinsab diġa hemm. Kien aktar 'l fuq mid-dar tagħhom. Ix-xhud qalet li sakemm tellgħet lit-tifla fuq bdiet tkellem lil Joseph fuq il-mobile sabiex ma joqgħodx jiġri bit-tifla rieqda. Ix-xhud qalet li Joseph kien aggressiv, beda jgħajjat u ma kienx qed jifhem lix-xhud u ried lit-tifla bis-saħħa. Ix-xhud qalet li mhux l-ewwel darba li Joseph kien aggressiv magħha u kien hemm drabi fejn besqilha, refa' jdejh fuq il-karozza bit-tifla fil-karozza, għajjat magħha anke quddiem it-tifla u bekka lit-tifla.

Ix-xhud qalet li d-drive in hija tad-dar tagħhom. Missierha kien qiegħed fejn il-bieb tal-garaxx wiċċu 'l barra u Joseph kien qiegħed mid-drive 'l ġewwa iħares 'l ġewwa. Ir-raġuni għala missierha kien qiegħed f'dik il-posizzjoni kienet għax kien qiegħed idaħħal il-karozza peress li kienu għadhom kemm waslu d-dar. Ix-xhud kienet laħqet telgħet 'l fuq bit-tifla. Ix-xhud qalet li l-għajjat li bdiet tisma waqt li kienet ġewwa kien ta' Joseph. Huwa kien qiegħed joffendi lil missierha. Fenech kien qiegħed

jirrifjuta li jitlaq minn hemm minkejja li l-imputat qallu biex jitlaq għaliex kien qed jinsisti li akkost ta' kollox jieħu lil bintu.

**Dr Edward Cherubino** (Fol. 44) xehed li huwa kien ġie nominat mill-Qorti biex jeżamina lil Joseph Fenech u jistabilixxi n-natura tal-ġrieħi li Fenech soffra f'idejh ix-xellugija. Ix-xhud ikkonkluda li fuq idejh ix-xellugija taħt is-subgħa l-kbir, Fenech kellu marka biċ-ċikatriċi, marka li hija permanenti. Kompla jgħid li Fenech kellu bżonn il-punti u għalhekk din ġiet ikklassifikata bħala gravi. Temm jgħid li l-ferita kienet għalqet imma l-marka kienet se tibqa' hemm b'mod permanenti.

L-imputat **Arthur Cassar** (Fol. 88 et seq) xehed li huwa missier Chantelle l-eks tfalja ta' Joseph Fenech. Lil Fenech kien ilu jafu dawn l-aħħar sentejn u nofs jew tlett snin peress li bintu kellha relazzjoni miegħu. Minn din ir-relazzjoni kienet twieldet tarbija li kellha sena u sitt xhur. L-imputat sostna li Fenech ma tantx kien jingwalaha miegħu u meta Fenech u Chantelle kien ikollhom xi jgħidu, Fenech kien dejjem joffendiha bih.

Dakinhar tal-għoxrin (20) ta' Settembru tal-elfejn u għoxrin (2020), ix-xhud, il-mara tiegħu u t-tifla ħarġu u irritornaw lura d-dar peress li Fenech kellu l-aċċess u kellu jiġbor lil bintu minn quddiem ir-residenza tal-imputat. L-aċċess kien f'nofsinhar u huma waslu xi għaxar (10) minuti tard. Sakemm waslu, it-tifla (iż-żgħira) raqdet u it-tifla tax-xhud daħħlitha ġew.

X'ħin waslu fejn ir-residenza tagħhom, l-imputat kien ra lil Fenech jistenna lit-tifla fejn il-karozza tiegħu li kienet żewġ kantunieri 'l bogħod. Sadanittant, ix-xhud qal li ma kienx jaf x'inhu jiġri eżattament pero ra lil Fenech nieżel bil-mixi lejn il-garaxx ma' Carmen (il-mara tax-xhud) fejn din kienet qed tispjegalu li t-tifla kienet rieqda u biex jmur aktar tard. Ix-xhud qal li kien għall-affari tiegħu ibattal il-karozza, joħroġ il-pushchair, jagħmel is-sunvisor fil-karozza u jiftaħ il-bieb tal-garaxx meta sema' lil Fenech jgħajjat. Ix-xhud qal lil Fenech biex jistenna naqra ħin jgħaddi sakemm it-tifla tqum u jagħtuhielu u qallu biex ma jdaħħaqx nies bih peress li ma kienx hemm għalfejn jagħmel dak l-istorbju kollu u Fenech beda joffendih.

Ix-xhud qal li beda joffendih lura u Fenech telaq bil-mixi lejn il-karozza. Wara ftit Fenech waqaf bil-karozza u ħareġ għalih b'serrieq f'idejh. Ix-xhud beda jara x'se jagħmel biex jiddefendi ruħu peress li hu kien bniedem żgħir u Fenech kien akbar minnu. Minn quddiem il-garaxx, ix-xhud sab ġakk mal-art u ħadida u ġabar il-ħadida. Ix-xhud spjega illi l-ġakk ikun dejjem fil-garaxx, jiżen ħamsa u għoxrin kilo (25kg), fih erba' (4) roti minn dawk li ddaħħal taħt karozza u tgħolli l-karozza. Ix-xhud sostna li qabad il-ħadida tal-ġakk li kien hemm fl-art biex jiddefendi ruħu mis-serrieq li rah ġej għalih. Ix-xhud qal li dak il-ħin Fenech beda joffendih u x-xhud ma qallu xejn. Ix-xhud spjega li Fenech weġġa' għax Fenech ipprova jaqbad il-ħadida x'ħin ix-xhud xejjirha biex itajjarlu s-serrieq biex jiddefendi ruħu. Ix-xhud tenna li Fenech weġġa x'ħin ipprova jaqbad il-ħadida. F'dan il-punt Fenech qata' idejh. X'ħin l-imputat ra li Fenech kien weġġa' bil-ħadida, ix-xhud qabad u telaq 'l hemm u qalilhom

li se jċempel lil pulizija. Fenech baqa joffendi lix-xhud b'ommu mejta sakemm ix-xhud daħal ġewwa f'daru.

L-imputat sostna li s-serrieq kien kollu msaddad u jaħseb li kien ilu ma jintuża. Ix-xhud sostna wkoll li s-serrieq ma kienx jaqta u għalhekk jaħseb li Fenech poġġieh fil-karozza għax kien ippreparat biex jattakka lix-xhud bih.

**<u>In kontro-ezami</u>** l-imputat sostna li l-ġakk kien barra mil-garaxx. Kompla jgħid li Fenech qatt ma ħadlu l-ħadida minn idu izda ipprova jaqbadha u kien f'dan il-punt li huwa weġġa' idu. Spjega wkoll li l-ħadida li kellu hu ma kellix ponta u lanqas xifer imma pin. Huwa qal li ma daħalx d-dar x'ħin ra lil Fenech ġej bis-serrieq għax kien għad fadallu l-affarijiet xi jħott mill-karozza għad-dar. Ix-xhud qal li ma rax demm f'idejn Fenech. Ix-xhud qal li għamel rapport lill-pulizija. Ix-xhud qal li kien jaf li dakinhar tal-inċident, bintu kienet tard għall-aċċess pero xorta waħda kienu se jżidu l-ħin lil Fenech.

**<u>Carmen Cassar</u>** (Fol. 101 et seq) xehdet li dakinhar tal-incident Joseph Fenech kellu jiġbor it-tifla tiegħu għall-access. Zewġha Arthur, hi u bintha kienu qegħdin barra u waslu tard għall-access. Sadanittant it-tifla ta' bintha laħqet raqdet. Chantelle bint ix-xhud qalet lil Fenech li t-tifla kienet rieqda u li imbagħad seta' jeħodha x'ħin tqum. X'ħin waslu, ix-xhud rat lil Fenech ftit 'l bogħod mir-residenza tagħhom. Hi marret tkellmu u qaltlu li t-tifla tiegħu kienet rieqda u li x'ħin tqum kien se jeħodha. Fenech pero insista li t-tifla riedha dak il-ħin. F'dak il-punt

Fenech beda joffendi r-raġel tagħha. Fenech telaq u mar iġib il-karozza. Ix-xhud kompliet tgħid li hija imbagħad daħlet ġewwa d-dar u ftit wara reġgħet bdiet tisma' l-għajjat minn quddiem il-bieb tal-garaxx tar-residenza tagħha. Dak il-ħin zewġha kien qiegħed quddiem il-bieb tal-garaxx. Imbagħad hija reġgħet ħarġet u rat lil Fenech bis-serrieq f'idu u lil zewġha bil-ħadida. Hija twerwret u lil Fenech bdiet tgħidlu biex imur id-dar. Pero Fenech beda jagħti bis-serrieq. Temmet tgħid li zewġha ried ikollu xi ħaġa f'idu la darba Fenech mar għalih.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud qalet li t-tnejn li huma kienu qed ixejru l-oġġetti li kellhom f'idejhom. Spjegat wkoll li x'ħin ħarġet kien għadu ma weġġa ħadd. Mistoqsija jekk hija qalitx lil Joseph biex imur magħha biex jieħu liz-zgħira tiegħu, hija qalet li marret tgħid lil Fenech li kienet sejra tgħid lit-tifla u hu beda miexi warajha. Kompliet tgħid li dak il-ħin Fenech kien irrabbjat. Hi qaltlu li t-tifla kien se jeħodha, anke jekk Chantelle kellha twassal hi stess lit-tifla għandu.

- **Fatti tal-Kaz**

Minn ezami tax-xhieda li ingħatat, il-Qorti tislet is-segwenti sekwenza ta' fatti:

(a) Fl-għoxrin (20) ta' Settembru 2020 l-parte civile kellu l-access għal bintu minuri ta' 18 -il xahar. Huwa kellu jiġborha minn quddiem ir-residenza tal-eks tfajla tiegħu Chantelle Cassar;

(b) Chantelle Cassar flimkien mal-ġenituri tagħha kienet qiegħda barra u waslet ir-residenza tagħha kwarta tard;

(c) It-tifla ta' Chantelle u l-parte civile sadanittant laħqet raqdet u Chantelle qalet lil Fenech li t-tifla kienet rieqda u li kien sejjer jeħodha aktar tard. Fenech assolutament ma riedx u nsista akkost ta' kollox li jieħu t-tifla dak il-ħin għall-access li huwa kellu;

(d) Minn hemm imbagħad il-qiegħa saħnet u l-imputat Arthur Cassar (li jiġi missier Chantelle) u Joseph Fenech spiccaw jargumentaw. Joseph Fenech jallega li Arthur Cassar mar warajh b'ħadida biex jipprova jagħtih u x'ħin Fenech ipprova jilqa' b'idejh huwa spicca soffra ġrieħi f'idejh. Min-naħa tiegħu l-imputat isostni li huwa kien quddiem il-bieb tal-garaxx tiegħu peress li kien qed idaħħal l-affarijiet mill-vettura u Fenech mar għalih b'serrieq. L-imputat qabad ħadida ta' ġakk li kienet fejn il-bieb tal-garaxx biex jiddefendi lilu inniffsu u fil-kolluttazzjoni li zviluppat bejniethom, Fenech spicca soffra feriti f'idu.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

- **L-Artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju**

A. *Il-Feriti Sofferti Mill-Parte Civile (L-Artikoli 216(1)(a)(ii)(iii)(b) u 218(1)(b) tal-Kap. 9)*

Esposizzjoni legali tad-differenza bejn iż-żewġ artikoli citati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju tiegħu tagħtiha l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvinu Vella** deciza fit-tletin (30) ta' Settembru 2019 fejn il-Qorti kienet irrimarkat hekk:

> *"Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi ex artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).*
>
> *Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit*

*b'approvazzjoni s-sentenza taghha* ***Il-Pulizija vs Paul Spagnol*** *tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:*

***B'mankament ... fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.***

*Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk ghaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u ghaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.*

*Fis-sistema legali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza ghal-diversi sentenzi ohra foshom dik*

***Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich*** *tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:*

***Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"***

*Fi kliem iehor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti ohra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1)."*[1]

Minn eżami tal-atti processwali, huwa car li l-imputat Arthur Cassar ikkaġuna ferita fuq l-id ix-xellugija tal-parte civile. Dan in segwitu għall-ġlieda li seħħet bejniethom. L-istess Cassar jammetti fix-xhieda tiegħu li riżultat tal-kollutazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet, Fenech soffra dawn il-feriti. Jirriżulta wkoll li l-ferita saret fuq l-id ix-xellugija ta' Fenech u li

[1] Pagni 9 – 12 tas-sentenza.

tali ferita sejra tħalli marka permanenti fuq l-id tal-parte civile. Dan hekk kif anke ikkonferma l-espert mediku nominat minn din il-Qorti. Għalhekk jista' jingħad mingħajr l-ebda tlaqlieq li jirriżulta r-reat kontemplat taħt l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali, il-verzjoni l-aktar gravi tal-isfreġju.

Sabiex jinnewtralizza r-responsabbilita kriminali tiegħu għall-akkadut, l-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jissolleva l-eccezzjoni tal-leġittima difesa. Sabiex wiehed jitkellem minn legittima difesa, wiehed irid isib ruhu f'cirkostanza ta' **<u>perikolu attwali li jkun wiehed kontra l-ligi, gravi u inevitabbli</u>**. Sabiex tqis wkoll jekk din id-difiża hix applikabbli għall-każ odjern, il-Qorti trid necessarjament tistabilixxi d-dinamika dwar kif seħħ l-incident.

Din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewġ verzjonijiet ta' kif zviluppa l-incident. Min-naħa hemm il-verżjoni tal-parte civile Joseph Fenech li jgħid li huwa ġie aggredit mill-imputat u min-naħa l-oħra hemm il-verzjoni tal-imputat Arthur Cassar li qed isostni li huwa sempliciment iddefenda ruħu mill-aġir aggressiv ta' Fenech li mar għalih b'serrieq.

Il-fatt li Qorti tkun rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti, ma jfissirx li l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as*

*true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaccetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.[2]

Għalhekk dak li trid tagħmel il-Qorti huwa li tevalwa ż-żewġ verżjonijiet u tara tistax tattribwixxi kredibbilita lil xi waħda miż-żewġ verżjonijiet mogħtija.

[2] Ara wkoll Il-Pulizija vs Jonathan Micallef deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn il-Qorti irrimarkat: *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*

Din il-Qorti – wara li fliet metikolozament l-atti, għarblet dak li intqal mid-diversi xhieda u qieset il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana meta ġew biex jiddeponu – hija konvinta li d-dinamika tal-incident żviluppat hekk kif spjega l-imputat Arthur Cassar. Il-Qorti waslet għal din il-konkluzjoni abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Joseph Fenech kien irrabbjat ferm għar-raġuni li huwa ma ingħatax t-tifla għall-access li kien skedat. Hu stess jammetti li kien innervjat għal dan il-fatt. Insista li jieħu t-tifla dak il-ħin akkost ta' kollox, anke minkejja li kienet rieqda. Fuq dan huwa assolutament ma riedx jiccaqlaq anke minkejja li l-eks tfalja tiegħu u l-ġenituri tagħha għamluhielu cara li seta' jeħodha aktar tard u li ma kienx sejjer jitlef l-ebda ħin mill-access;

(b) Qabel ma ġie ferut u qabel ma kien hemm il-kollutazzjoni bejniethom, Fenech jispjega li Arthur Cassar ġia kellu l-ħadida f'idu. Minkejja dan, Fenech mar ġab il-vettura tiegħu li kienet parkeġġjata lil hinn mir-residenza tal-imputat u ipparkjha quddiem ir-residenza tal-imputat li skont Fenech ġia kellu l-ħadida f'idu. Fenech beża x'ħin ra lil Cassar bil-ħadida. Pero xorta ħareġ mill-vettura. Din il-verżjoni l-Qorti ma tqisha verosimili xejn.[3] Jekk Fenech kien konxju li Cassar kien bil-ħadida, is-sens komun kien jitlob li huwa ma jmurx jipparkja l-vettura quddiem ir-residenza ta' Cassar u wisq u wisq anqas ma joħroġ mill-vettura jekk kif jgħid hu kien beżgħan

[3] Fol. 12 – 13 tal-process.

minn Cassar.  Seta' facilment jipprospetta li l-affarijiet setgħu jeskalaw;

(c) Il-Qorti lanqas tqis li hija verosimili d-dikjarazzjoni ta' Fenech li s-serrieq qabdu fil-mument li huwa kien ġia ferut.  Mill-provi ma rriżultax li Cassar (wara li Fenech kien ġia ferut) mar jiġri wara Fenech.  Anzi Cassar – kif sewwasew jistqarr Fenech in kontro-eżami – baqa' fil-parapett[4]  filwaqt li Fenech mexa lejn il-vettura tiegħu.  F'dak il-punt għalhekk ma kienx jagħmel sens u ma kien hemm l-ebda skop li Fenech jaqbad is-serrieq biex jiddefendi lilu inniffsu kif isostnu l-istess Fenech għaliex l-argument bejn it-tnejn kien spicca;

(d) Fenech ma kienx konsistenti fil-verzjonijiet li huwa ta. A tempo vergine lill-Pulizija qalilhom li huwa kien qabad is-serrieq qabel ma kien safa ferut mentri fil-verżjoni mogħtija quddiem il-Qorti, huwa stqarr li s-serrieq kien qabdu wara li kien safa ferut.  Din id-diskrepanza f'ħaġa daqshekk sostanzjali rigward id-dinamika tal-incident idgħajjef il-verżjoni mogħtija mill-parte civile.

(e) Il-verzjoni ta' Arthur Cassar kienet dejjem waħda konsistenti. Cassar dejjem sostna li huwa kien qiegħed fil-parapett ta' quddiem il-garaxx tiegħu bil-bieb tal-garaxx miftuħ.  Fenech mar ġab il-vettura li kienet parkeġġjata aktar 'l isfel, ipparkja quddiem il-garaxx tal-imputat u ħareġ bis-serrieq mill-vettura tiegħu u mar fid-

[4] Fol. 82 tal-process.

direzzjoni tal-imputat. Dan huwa konfermat mill-fatt li l-incident seħħ quddiem il-garaxx tal-imputat. Kif ra hekk, Cassar ġab minn fejn il-bieb tal-garaxx il-ħadida tal-ġakk tal-vettura biex jiddefendi ruħu mill-aggressjoni ta' Fenech u b'riżultat ta' hekk Fenech soffra l-feriti;

Tenut kont l-istatura tal-imputat vis-a-vis dik ta' Fenech u anke d-differenza fl-eta, l-imputat kellu kull raġun li jibża' x'ħin Fenech mar jipprova jaggredieh u kellu kull raġun li huwa jiddefendi lilu nnifsu. Fid-dawl ta' dan il-Qorti għalhekk tqis li l-eccezzjoni tal-leġittima difesa hija pienament applikabbli għal dan il-każ u minkejja li l-imputat ikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna ta' Fenech, huwa m'għandux jitqies kriminalment responsabbli għall-akkadut.

B. *Ksur tal-Buon Ordni u Paci Pubblika - Artikolu 338(dd)*

Rigward il-kontravenzzjoni kontemplata taħt dan l-aritkolu, kif senjalat f'ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, jeħtieġ li tali ksur tal-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat dwar l-inkoluminita ta' persuna jew dwar l-inkoluminita ta' propjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita ta' reazzjoni għal dak l-għemil.[5] Din l-imputazzjoni tirriżulta ippruvata għaliex kemm Carmen Cassar u Chantelle Cassar beżgħu x'ħin raw il-ġlieda iseħħ. Chantelle tgħid li hija

[5] Ara sentenza ta' din il-Qorti datata 3 ta' Frar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marc Luigi Alwan** (Kaz Nru 9/2017).

ibbalzmat u kien se jagħtiha ħass ħażin.[6] Carmen Cassar min-naħa tagħha tixhed li twerwret x'ħin rat lill-imputat u lill-parte civile imqabbdin ma' xulxin u bdiet tgħajjat. Dan kollu jikkonferma kemm b'dak li kien qed iseħħ tnissel inkwiet jew tħassib għall-inkoluminita tal-persuna tagħhom.

*C. Insulti, Theddi u Inġurji - Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9*

Din l-imputazzjoni tirriżulta wkoll ippruvata stante li l-imputat inniffsu waqt id-deposizzjoni tiegħu jammetti li huwa offenda lill-parte civile bi tpattija tal-offiżi li l-parte civile indirizza fil-konfront tiegħu.

**DECIDE**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) mhux qieghda issib lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu stante li huwa aġġixxa b'leġittima difeża tiegħu inniffsu u għalhekk qiegħda tilliberah minnha;

(b) U wara li rat l-artikoli 17(c), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 qiegħda issib lill-imputat Arthur Cassar ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah għall-ammenda komplessiva ta' mija u sittax-il ewro (€116)[7].

---

[6] Fol. 39 tal-process.

[7] 17(c) Kap 9: *"persuna ħatja ta' żewġ kontravvenzjonijiet jew iżjed tiġi ikkundannata għall-piena li hemm għal kull kontravvenzjoni"*

In oltre wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna l-konfiska tal-ħadida esebita bħala Dokument MZ 3.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-każ il-Qorti ma temminx li għandha tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tistieden biss lill-kontendenti biex jużaw aktar is-sens komun u jkunu responsabbli u kwalunkwe diżgwid bejniethom b'mod partikolari fejn tidħol il-bint minuri jippruvaw jindirizzawh tramite l-legali rispettivi tagħhom. Dan sabiex ma issirx ħsara lill-minuri tenut kont l-eta tenera tagħha.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur